MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Numru. 1104/2011

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Jacob Rakban, iben Hassam, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Jannar, 1994, Karta ta’ l-Identita numru 50794(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fid-29 ta’ Settembru, 2011 matul il-jum u cioe’ għal ħabta tal-11.00 a.m. f’dawn il-Gżejjer u cioe’ fi Triq l-Imsida, Gżira, ikkometta serq ta’ oġġetti tad-deheb, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-€232.94 iżda li ma jeċċedix l-€2,329.37, u bil-vjolenza liema serq seħħ għad-dannu ta’ Carmela Micallef u/jew persuni oħra;
2. talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor f’perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ l-

imsemmija Carmel Micalllef u cioe' kkaġunalha feriti ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifika Dr. D. Barta M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2011 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat ikkolabora mal-pulizija u li r-refurtiva ġiet irkuprata.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1), 261(a)(ċ), 262(1)(a), 267, 274(d) u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Probation Order għal żmen tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------